MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 103/2010

**F.G.S. Construction Limited (C 17794)**

**-vs-**

**Anthony Fountain (ID No: 176872M) flimkien ma' martu Helena Fountain (ID No: 564574M)**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors mahluf li jaqra hekk -

*1. Illi l-intimati huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tmienja u tletin elf, sitt mija u sitta u sittin Ewro u sbatax-il centezmu (€38,666.17) konsistenti, in kwantu ghas-somma ta' erbgha u tletin elf, erba' mija u tliet Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€34,403.42) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghal xogholijiet ta' kostruzzjoni ezegwit mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-intimati fuq diversi siti, in kwantu ghas-somma ta' mija u*

*sitta u tmenin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€186.35) rapprezentanti l-prezz ghal skips mikrija mis-socjeta' attrici fuq inkarigu u ghall-beneficcju tal-intimati jew min minnhom, in kwantu ghas-somma ta' elf, seba' mija u erbgha u sebghin Ewro u tliet centezmi (€1,747.03) rapprezentanti l-hlas dovut mill-intimati lis-socjeta' attrici ghall-appartament Flat 5, Block C, Capitol Mansions, Triq Mattew Pulis, Tigne', Sliema lilhom mikri ghall-perjodu ta' tliet (3) xhur, u in kwantu ghas-somma ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) rapprezentanti l-valur tal-oggetti u appliances illi l-intimati hadu minn gol-appartament fuq imsemmi li kien mikri lilhom, kollox skond l-Istatement li qed jigi hawn anness bhala Dok. 'A'.*

*2. Illi, ghalhekk, il-konvenuti huma veri, certi u likwidi debituri tas-socjeta' esponenti fis-somma ta' tmienja u tletin elf, sitt mija u sitta u sittin Ewro u sbatax-il centezmu (€38,666.17) kif fuq spjegat.*

*3. Illi minkejja li gew diversi drabi interpellati sabiex jeffettwaw dan il-hlas minnhom dovut lis-socjeta' attrici, l-intimati baqghu inadempjenti ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*4. Illi fil-fehma tal-esponent il-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjonijiet x'jaghtu skond il-ligi u ghalhekk din il-kawza ghandha tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh u skond proceduri specjali sommarji.*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

*(i) tiddispensa bis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 169 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(ii) prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta, mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-konvenuti huma veri, certi u likwidi debituri tas-socjeta' esponenti fis-somma ta' tmienja u tletin elf, sitt mija u sitta u sittin Ewro u sbatax-il centezmu (€38,666.17), ghar-ragunijiet fuq indikati; u*

*(iii) konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' tmienja u tletin elf, sitt mija u sitta u sittin Ewro u sbatax-il centezmu (€38,666.17).*

*Bl-imghax legali u bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni prezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u d-dokument anness.

**Rat** li l-konvenuti kienu debitament notifikati skond il-ligi.

**Rat** li fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2010, meta l-konvenuti kienu msejhin diversi drabi, ma dehrux.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba attrici kif dedotta tidher gustifikata u hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, a tenur tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara illi l-konvenuti huma veri, certi u likwidi debituri tal-kumpannija attrici fis-somma ta' tmienja u tletin elf, sitt mija u sitta u sittin Ewro u sbatax-il centezmu (€38,666.17) kif fuq inghad u tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lill-kumpannija attrici s-somma ta' tmienja u tletin elf, sitt mija u sitta u sittin Ewro u sbatax-il centezmu (€38,666.17), bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------